Medjazzjoni

Slovakkja

L-Artikolu 10 – Informazzjoni dwar il-qrati jew l-awtoritajiet kompetenti

L-awtoritajiet kompetenti biex jirċievu talbiet skont l-Artikolu 6(1) u (2) tad-Direttiva huma dawn li ġejjin, kif stipulat fl-Artikolu 68a tal-Att Nru 97/1963 dwar id-dritt internazzjonali privat u r-regoli ta' proċedura, kif emendati, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Att:

(a) il-Qorti Reġjonali ta' Bratislava f'kawżi matrimonjali, kawżi li jikkonċernaw l-istabbiliment ta' ġenituri u każijiet ta' adozzjoni tat-tfal;

(b) il-qorti distrettwali b'ġuriżdizzjoni fuq il-post ta' residenza tal-wild minuri jew, fin-nuqqas ta' dan, il-qorti distrettwali b'ġuriżdizzjoni fuq il-post fejn il-minuri jkun qed joqgħod bħalissa. Jekk ma teżisti l-ebda qorti bħal din, l-awtorità kompetenti hija l-Qorti Muniċipali ta' Bratislava II f'każijiet li jikkonċernaw il-kustodja jew il-kuntatt;

(c) il-qorti kompetenti biex tordna l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni jew biex toħroġ awtorizzazzjoni biex tipproċedi għall-eżekuzzjoni (il-Qorti Distrettwali ta' Banská Bystrica) fejn ma jkunx possibbli li tiġi ddeterminata l-ġuriżdizzjoni tal-qorti skont l-ittra (b). Fil-każ ta' deċiżjonijiet li ma jeħtiġux eżekuzzjoni, l-awtorità kompetenti hija l-qorti ġenerali b'ġuriżdizzjoni fuq il-persuna li kontriha għandha tiġi rikonoxxuta d-deċiżjoni; jekk ma teżisti l-ebda qorti bħal din, l-awtorità kompetenti hija l-Qorti Distrettwali ta' Trnava.

L-aħħar aġġornament: 19/10/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.